MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Diċembru, 2003

Numru 746/2001

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri u
Sp Angelo Caruana)
vs
Christopher Spiteri, iben Saviour,
imwieled l-Imtarfa fil-31 ta'
ottubru, 1977

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat li matul dawn l-aħħar xhur, b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni
tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda –
1. talli fil-5 ta' diċembru, 2001 għal ħabta tal-10.00 p.m. bil-ħsieb li jikkometti serq ta' diversi oġġetti mis-'C & A Service Store', Triq iċ-Ċagħaq, San Pawl il-Baħar wera dan il-ħsieb billi b'atti esterni ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa

aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, liema serq li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bil-ħin;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-danu tad-diriġenti tas-'C & A Service Store' u tal-'Pelican Garage', it-tnejn sitwati fi Triq iċ-Ċagħaq, San Pawl il-Baħar, liema ħsara teċċedi l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);

3. talli fil-lejl ta' bejn it-2 u it-3 ta' ottubru, 2001 min-'Nixu Bar', Pjazza Nikola Isouard, Mosta kkometta serq ta' Lm960 flus kontanti għad-dannu ta' Giuseppe Borg mill-Mosta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bil-ħin;

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Giuseppe Borg mill-Mosta, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);

5. talli fil-11 ta' ottubru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. mill-'Papillon Bar', Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar ikkometta serq ta' Lm500 flus kontanti għad-dannu ta' Maria Dolores grima liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur;

6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Maria Dolores Grima minn San Pawl il-Baħar, liema ħsara teċċedi il-ħames mitt lira maltin (Lm500);

7. talli fis-17 ta' ottubru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. mix-'Xixu Bar', Triq Michael Pulis, Birkirkara kkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom apparat telefoniku, xorb alkoħoliku, 'Echostar Satellite Receiver' u flus kontanti għad-dannu ta' Simeron Caruana miż-Żejtun, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bil-ħin;

8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Simeron Caruana miż-Żejtun, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);

9. talli fit-18 ta' ottubru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. minn vettura tal-għamla 'Tata Sumo', bin-numru tar-reġistrazzjoni LOR 207, li kienet ipparkjata f'garage, numru 14, Triq il-Parroċċa, San Pawl il-Baħar ikkometta serq ta' diversi għodod tal-marka 'Tip' għad-dannu ta' Francis Micallef minn San Pawl il-Baħar, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
10. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Francis Micallef minn San Pawl il-Baħar, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
11. talli fit-23 ta' ottubru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. mill-Maryrose Bookshop', Triq il-Baċir, L-Imsida kkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom radios, ħelu, diversi pakketti tas-sigaretti u flus kontanti għad-dannu ta' Maryrose Deguara mill-Imsida, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bil-ħin;
12. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Maryrose Deguara mill-Imsida, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
13. talli fl-24 ta' ottubru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. mill-vettura tal-għamla Ford Escort, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAE 553, li kienet ipparkjata fil-garage 'Misty Blue', Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar ikkometta serq ta' apparat tal-hifi u oġġetti oħra għad-dannu ta' Robert Sant minn San Pawl il-Baħar, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
14. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Robert Sant minn San Pawl il-Baħar, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
15. talli fid-29 ta' ottubru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. mill-'Buġibba Boċċi Club', Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-

Baħar ikkometta serq ta' 'Philips decoder' kif ukoll flus kontanti għad-dannu ta' Antonio Galea mill-Gżira u tad-diriġenti ta' l-istess klabb, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bil-ħin;
16. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Antonio Galea mill-Gżira, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
17. talli fid-9 ta' novembru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. miċ-Ċentru Brigata Laburista, Pjazza Robert Sammut, Floriana kkometta serq ta' kwantita' ta' pakketti ta' sigaretti kif ukoll flus kontanti għad-dannu ta' Simon Bartolo mill-Pieta' u tad-diriġenti ta' l-istess Ċentru, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin;
18. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Simon Bartolo mill-Pieta' u tad-diriġenti ta' l-istess Ċentru, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
19. talli fit-23 ta' novembru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. mill-ħanut bl-isem 'Korazon', Triq it-Turisti, San pawl il-Baħar ikkometta serq ta' diversi pakketti ta' sigaretti, bolli, telecards, kif ukoll flus kontanti għad-dannu ta' Joseph Muscat minn San Pawl il-Baħar liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin;
20. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Joseph Muscat minn San Pawl il-Baħar, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
21. talli fil-25 ta' novembru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. mill-ħanut bl-isem 'In & Out', Triq Burmarrad, Burmarrad ikkkometta serq ta' apparat telefoniku, diversi fliexken tax-xorb alkoħoliku, kif ukoll flus kontanti għad-dannu ta' Mark Micallef mir-Rabat, Malta liema serq hu

kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedi l-elf lira maltin;
22. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Mark Micallef mir-Rabat, Malta, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
23. talli fis-26 ta' novembru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. mill-ħanut bl-isem 'Tuck Inn Bar', Triq il-Mosta, San pawl il-Baħar ikkometta serq ta' 'cash register' kif ukoll flus kontanti għad-dannu ta' Josephine Gauci mill-Mosta liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bil-ħin;
24. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Josephine gauci mill-Mosta, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
25. talli fl-4 ta' diċembru, 2001 għal ħabta tas-2.00 a.m. mill-ħanut bl-isem 'Bognor Regis', Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar ikkometta serq ta' Lm30 fi flus kontanti għad-dannu ta' Paul Saliba miż-Żurrieq liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-ħin;
26. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Paul Saliba miż-Żurrieq, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
27. talli f'diversi ġranet f'dawn l-aħħar xhur minn 'Ta' Natu Supermarket', Triq il-Kostituzzjoni, Mosta ikkkometta serq ta' kwantita' ta' fliexken tax-xorb alkoħoliku għad-dannu ta' Joseph Vella min-Naxxar liema serq hu kkwalifkat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bil-persuna;
28. talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanżi u fix-xhur ta' wara dawn id-dati f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew,

xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
29. talli f'xi ġurnata matul ix-xahar ta' novembru, 2001 minn fond l-isem tiegħu mhux magħruf f'San pawl il-Baħar ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom 'power wash' għad-dannu ta' persuna mhux magħrufa liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bil-ħin;
30. talli kkometta diversi reati ta' serq aggravat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija li ġiet sospiża għal erba' snin imposta fuqu fit-23 ta' frar, 2001 mill-Qorti tal-Maġistrati;
31. talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x''aqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-13 ta' mejju, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 18, 261(b)(c)(d)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 271, 278, 330, 279(b), 280, 281, 334, 325(a), 289, 49, 50, 28A sa 28H, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' ġunju, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' novembru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu ħlief għall-akkuża numru 30 billi llum hu qed jiskonta l-piena imposta b'dik is-sentenza.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi numri 28 u 30 u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(d)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 271, 278, 330, 279(b), 280, 281, 325(a), 289, 49, 50, 31, 20, 22 u 23 tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni ta'
l-imputat u il-fatt li hu kkolabora mal-pulizija.
Tikkundannah għal piena ta' tlett snin priġunerija.
Mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------